MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 24/2007

Maria Dolores sive Doris Debono
vs
Avukat Generali in rapprezentanza tal-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih ippremettiet:

1. Illi fil-5 ta’ Dicembru, 2006 hi pprezentat Protest Gudizzjarji kontra l-intimat peress li hassita aggravata b’decizjoni tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili f’kawza li hija kienet istitwiet kontra Alfred u Doris konjugi Galea, li kienu morusi fil-hlas tac-cens impost fuq il-post tal-abitazzjoni taghhom f’numru 27 Triq Gebel Hanxul, Wied il-Ghajn. (Dok “A”)

2. Illi kif ga gie ndikat fil-protest, is-sentenza moghtija f'dik il-kawza kienet wahda gusta meta giet applikata l-ligi kif kienet giet erronjament emendata bl-Att Numru XXVII tas-sena 1976.

3. Illi s-sentenza msemmija li nghatat fit-22 ta' Novembru, 2006 kienet bazata fuq il-ligi taht it-Titolu tal-Enfitewsi tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif kien emendat b'dak l-Att XXVII tas-sena 1976.

4. Illi l-Att XXVII tas-sena 1976 introduca emendi li kienu jkopru emendi lil-certi artikli b'effett retroattiv u li kienu gew dikjarati nulli u bla effett min din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha 520/95 AJM tad-12 t'April, 1999. (Dok "B"). Illi bil-ligi precedenti l-esponenti kienet tottjeni r-ripreza tal-immobli.

5. Illi l-intimat f'din il-kawza appella tali decizjoni ta' din l-Onor Qorti, u tali appell ilhu ghal decizzjoni ahharija lokalment mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali wara mhux inqas minn seba u erbghin (47) seduta. (Dok "C")

6. Illi r-rikorrenti gibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni ghal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghal dak li hi tikkunsidra bhala nuqqas gravi b'dak id-dewmien, pero` baqghet minghajr twegiba anke wara li ngibdet l-attenzjoni tal-Ecc. Tieghu l-President tar-Reppublika ghal dak id-dewmien u l-konsegwenza li dak qed jikkaguna lir-rikorrenti.

7. Illi r-rikorrenti gja indikat l-intenzjoni taghha li se tirrikorri quddiem il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dik il-Qorti qed tistenna l-applikazzjoni wara l-ezitu ta' dik is-sentenza fl-Appell li ilha pendenti decizjoni, kif ga ntqal, ghal dawn l-ahhar 47 differiment sa mis-sena 1999.

8. Illi l-aggravju tar-rikorrenti huwa aktar evdienti meta jittiehdu in kunsiderazzjoni d-diversi proprjetajiet li hija ghandha moghtija b'cens taht il-kundizzjonijiet li kienu jezistu qabel l-introduzzjoni tal-emendi li din il-Qorti kienet

decidiet tali emendi li huma Nulli u bla Effett. Dan qed jinghad ghall-Artiklu 1524 tal-Kap 16.

9. Illi bl-introduzjoni tal-emendi li saru bl-Att XXVII tas-sena 1976, l-Artiklu 1607 tal-Kap 16 kien numerat 1519 u konsegwenza tal-emendi r-rikorrenti qed tbati d-danni.

10. Illi fl-artiklu 1607 (2) kien hemm stipulat illi jekk ikun hemm ftehim espress f'kuntratt dak il-ftehim ghandu jkun vinkloanti.

11. Illi bl-artiklu 1519 (2) li ssostitwixxa dak l-artklu 1607 (2), introduca l-kuncett illi "u dak iz-zmien jista', ghal raguni tajba jigi mtawwal ghal-zmien moderat iehor".

12. Illi jigi ndikat illi l-Artiklu gdid 1524 (li ssotitwixxa l-Artiklu 1613) li ghamel id-disposizzjonijiet godda applikabbli, gie dikjarat Null u bla Effett bis-sentenza fuq kwotata (520/99 AJM tat-12 t'April, 1999).

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

1. Illi l-artiklu 1524 u l-artikli li ghalihom jaghmel referenza dak l-artiklu, huma Nulli u bla Effett.

2. Illi d-dewmien biex jigi deciz l-Appell 520/99 AJM ma hux dewmien kunsidrat wiehed ragonevoli u li qed imur kontra li spirtu sew tal-Kostizzjoni (Art 39) kemm dak tal-Konvenzjoni Ewropea (Art 6).

3. Illi konsegwenza tal-emendi li saru bl-Att XXVII tas-sena 1976, ir-rikorrenti giet imcahda minn parti mit-talbiet taghha fil-kawza deciza fit-22 ta' Novembru, 2006 u b'hekk batiet danni.

4. Illi din l-Onor. Qorti tipprovdi rimedju ghat-telfin tad-drittijiet li kienet intitolata ghalihom kieku ma gewx kunsidrati fis-sentenza tat-22 ta' Novembru, 2006, l-emendi li gew dikjarati nulli u bla effett, min din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tat-12 t'April, 1999.

Bl-ispejjez kontra dawk tal-protest tal-5 ta’ Dicembru, 2006, kontra l-intimat.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li eccepew:

1. Illi preliminarjament, jonqos fir-rikorrent l-interess guridiku li tressaq din il-kawza.

2. Illi l-kawza citata mir-rikorrent fl-ismijiet Vincent Curmi et vs. L-Onorevoli Prim Ministru et, deciza fit-12 ta’ April 1999, taghmel stat ta’ fatt biss bejn il-partijiet u ghaldaqstant ma taghtix dritt lir-rikorrent li tressaq ilmenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti meta ma hijiex parti mill-istess proceduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell.

3. Illi ma kien hemm xejn x’izomm lir-rikorrenti milli tiftah proceduri kostituzzjonali biex tattaka l-validita o meno ta’ l-emendi introdotti lill-Kap 16 in segwitu ghas-sentenza li nghatat fil-konfront taghha fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Debono v. Alfred u Doris konjugi Galea, deciza fit-22 ta’ Novembru 2006, bil-konsegwenza illi hija ghaldaqstant gie li naqset li tiehu rimedju ordinarju qabel ma fethet il-proceduri odjerni.

4. Illi per konsegwenza dina l-Onorabbli Qorti jmissha taghzel li ma tezercitax is-setghet taghha kostituzzjonali ai termini tal-proviso ghas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 46 tasl-Kostituzzjoni u l-proviso tas-subartiklu 4 tal-Kap 319 tsl-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suepost, kuntrarju ghal dak allegat mir-rikorrenti, l-agir tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ma jwassal ghal ebda ksur ta’ l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

6. Illi ghaldaqstant ma gew lezi ebda drittijiet spettanti lir-rikorrenti, u l-intimat m'ghandux iwiegeb ghal ebda allegazzjoni ta' danni li r-rikorrenti qed tilmenta illi soffriet.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' Nicholas Debono fejn issemma li Maria Dolores sive Doris Debono tigi ohtu u sew hu kemm hi u huh Gustav li joqghod l-Awstralja, u li taghhom hu prokuratur, jippossedu proprjetajiet suggetti ghal-hlas ta' cens lilhom. Gie li zminijiet ic-censwalisti jonqsu li jhallsu u dan minkejja l-obbligi li hemm stipulati fil-kuntratti relattivi, kif wkoll l-obbligi legali, li fin-nuqqas ta' hlas dawn jiddekadu mid-drittijiet enfitwetici kollha fuq il-proprjeta` koncessa. Ohtu Maria Dolores sabet ruha f'dawn ic-cirjustanzi u allura kellha tipprova tenforza dak stipulat fil-kuntratt u fil-ligi biex ma titlifx id-drittijiet taghha. Hu, li jiehu hsieb l-interessi ta' hutu, sab ruhu fid-diffikultajiet li johorgu mis-sitwazzjoni legali emenenti llum fil-konfront tal-validita` o meno tal-ligijiet relatati mac-cnus kif dawn gew emendati. Allura ghamel ir-ricerki mehtiega u ha il-konsulenza opportuna biex jara x'ikun l-ahjar li jsir fl-interess taghhom u prezentament t'ohtu. Sar jaf li l-Qrati kienu ga ppronunzjaw ruhhom fuq il-validita tal-Artiklu 1524 tal-Kapitlu 16 dwar l-enfitewsi u li s-sentenza relattiva tinsab appellata mill-Gvern u tali appell qed jinstenna l-ezitu finali lokalment mill-Qorti ta' l-Appell. Fic-cirkostanzi hu ha l-inkarigu fl-interess tieghu u ta' hutu, f'dan il-kaz t'ohtu Maria Dolores Debono, ir-rikorrenti, li jsegwi l-procedura kollha fil-kaz in kwistjoni u kien attiv kif jidher mid-dokumenti prezenatati biex jara li jkun hemm decizjoni sabiex ohtu tinghata rimedju fil-Qrati. Izda, minkejja l-isforzi tieghu biex dan isehh u s-sitwazzjoni fil-

kawza V.Curmi et Vs Prim Ministru et ghada pendenti ghal-prolazzjoni tas-sentenza u dana wara tmienja u erbghin darba. Hu jidhirlu li dan id-dewmien kollu, ghal-kazi bhal dak t'ohtu, hu negazzjoni tal-gustizzja. Kien minhabba hekk u wara konsultazzjoni opportuna li ohtu mxxiet b'dan ir-rikors odjern. Dan waslet ghalih peress li fil-kaz taghha kontra Alfred Galea (Kaz Nru 107/05 JRM) (Dok D) fl-atti tar-rikors, dana kien inadempjenti fil-hlas tac-cens minkejja l-obbligi stipulati espressament fil-kuntratt tal-koncessjoni enfitewka li l-proprjeta` tintilef fin-nuqqas tal-ftehim kuntrattat. Meta din l-Onor. Qorti giet tiddeciedi l-kaz, gara, li, minkejja dak miftiehem bejn il-partijiet, il-Qorti, stante li l-kwistjoni ta' V. Curmi et vs PM et (Kaz Nru 520/95 AJM) (Dok B) ghadu pendenti fl-Appell, ghazlet li tapplika l-ligi kif mibdula li kienet iddikjarat Nulla u bla Effett min din l-istess Onorabbli Qorti.

Xehed Reno Cortis fejn issemma li hu skrivan tal-Kummissjoni ta' l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja. Mistoqsi dwar il-kaz ta' Doris Debono qal li minhabba s-segretezza ta' l-officju u l-kunfidenzjalita ma kienx awtorizzat jaghti ebda risposta.

Xehed Anthony Attard fejn qal li l-kariga tieghu hija ta' segretarju tal-Presidenza. Jiftakar li xi zmien kien irciva xi korrispondenza minghand is-Sur Nicolas Debono u jahseb li huwa relatatt, kienet korrispondenza permezz ta' e-mail. Qal li hu ma kellux x'jaqsam mal-Kummissjoni, izda mas-segretarjat tal-Presdienza. Hemm is-segretarjat tal-Presidenza mbaghad hemm id-dipartiment imbaghad hemm domestic staff u hu nkarigat, ix-xoghol tieghu ghandu x'jaqsam mas-segretarjat mad-dipartiment u mad-domestic staff Sant' Anton. Il-kummissjoni indipendenti minnha m'ghandha x'taqsam xejn. Il-President huwa ***chairman*** tal-Kummissjoni u dak li jaghmlu huwa sigriet kunfidenzjali jigifieri hu ma jaf xejn. B'referenza ghall-ittra ta' page 97 hu qal li din l-ittra hu ma' rahiex ghax din fil-fatt ghandha x'taqsam mal-Kummissjoni u kif qal hu ma ghandux x'jaqsam maghha. Qal li hu ma kienx s-segretarju privat tal-President, korrispondenza normalment tinfetah mill-istaff tas-segretarju privat tal-

President.  Ra l-ittra a fol 99 tal-process u qal li din jiftakarha fil-fatt.  Ikkonferma li huma e-mails ta' korrispondenza bejniethom.  Li kien ghamel kien irreferieh ghall-Kummissjoni.  L-ittra a fol 100 pero` ma jiftakariex, indirizzata lil Dr. Deborah Farrugia.  Ma jafx li raha l-parti bil-bold.  Qal li Monica Agius ma jiftakarx persuna ghalkemm jaf li hemm persuna li jisimha Monica ma jafx x'kunjomha li hi messaggiera, li din ghandha x'taqsam mal-gbir tal-posta, jimmagina minn xi ***branch***.  L-ittra ma rahiex pero` bhala prattika jimmagina li din tkun intbaghtet lill-Kummissjoni, peress li ghandha x'taqsam ma dan l-aspett.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata quddiem din il-Qorti fis-26 ta' April 2007.

Fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2007 Dr. Sciberras ghall-intimat oggezzjonat li jsir lix-xhud kwalunkwe domanda li tirrigwarda l-operat tal-Kummissjoni inkluz dwar korrispondenza u dan a tenur ta' l-artikolu 101A tal-Kostituzzjonai ta' Malta, senjatament is-subartikoli 7 u 14 kif ukoll l-artikolu 7(1) ta' l-Att XI tal-1994.  Dr. Abela ghar-rikorrenti sostna li din si tratta ta' informazzjoni dwar ir-rikorrenti u li mhux qed tintalab informazzjoni interna ta' dak li jsir fil-Kummissjoni izda konferma ta' l-applikazzjoni u sostna li dan id-dritt huwa sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja.

Gew prezentati noti ta' osservazzjonijiet li jinsabu, ta' l-Avukat Generali fol 122 sa 124 u tar-rikorrenti fol 126 sa 129.

Illi jinkombi fuq il-Qorti ghalhekk li tezamina tali oppozizzjoni kif ukoll talba tar-rikorrenti.  L-ewwel ezami li jrid isir huwa propju dak li qed jigi mitlub fir-rikors ***de quo*** u ghal dan il-fini l-Qorti qed tirriproduci t-talbiet tar-rikors li jghidu hekk:

"Illi l-artiklu 1524 u l-artikli li ghalihom jaghmel referenza dak l-artiklu, huma Nulli u bla Effett.

Illi d-dewmien biex jigi deciz l-Appell 520/99 AJM ma hux dewmien kunsidrat wiehed ragonevoli u li qed imur kontra li spirtu sew tal-Kostizzjoni (Art 39) kemm dak tal-Konvenzjoni Ewropea (Art 6).

Illi konsegwenza tal-emendi li saru bl-Att XXVII tas-sena 1976, ir-rikorrenti giet imcahda minn parti mit-talbiet taghha fil-kawza deciza fit-22 ta’ Novembru, 2006 u b’hekk batiet danni.

Illi din l-Onor. Qorti tipprovdi rimedju ghat-telfien tad-drittijiet li kienet intitolata ghalihom kieku ma gewx kunsidrati fis-sentenza tat-22 ta’ Novembru, 2006, l-emendi li gew dikjarati nulli u bla effett, min din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha tat-12 t’April, 1999.”

Sa dan l-istadju ma jirrizultax fuq liema bazi saret l-ewwel talba biex issir dikjarazzjoni ghan-nullita` ta’ l-artikolu 1524. Ir-rikorrenti qed issostni li biex jigi deciz l-Appell 520/99AJM ma hux dewmien kunsidrat wiehed ragonevoli u li qed imur kontra l-ispirtu sew tal-Kostituzzjoni (Art 39) kemm dak tal-Konvenzjoni Ewropea (Art 6).

B’hekk qieghed jigi sostnut li qed jinkisru d-dispozizzjonijiet biex tigi zgurata l-protezzjoni tal-ligi u senjatament dawk relattivi ghal smiegh xieraq.

Intalbet li d-dikjarazzjoni li l-emendi ta’ l-Att XXVII tas-sena 1976 ir-rikorrenti giet imcahhda in parti tat-talbiet taghha fil-kawza u li l-Qorti ghalhekk kellha tipprovdi rimedju ghat-telfien tad-drittijiet. Ir-rikorrenti sostniet li l-appell mill-kawza ilu ghad-decizjoni ahharija mill-Qorti Kostituzzjonali ghal 47 seduta. Ir-rikorrenti sostniet li hi gibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja minhabba d-dewmien u sostniet li baqghet minghajr twegiba. Jidher ghalhekk li r-rikorrenti trid taghmel il-provi dwar dan l-aspett fejn allegatament gibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni ghal dak li hi ssotni huwa nuqqas gravi.

L-Avukat Generali fin-nota tieghu sostna li l-oggezzjoni hi riflessa fil-Kostituzzjoni kif ukoll fl-Att XI tal-1994 fejn taht

is-subinciz (11) gew elenkati l-funzjonijiet tal-Kummissjoni u fejn jinghad li l-validita` tal-qadi tal-funzjonijiet mill-Kummissjoni ma jistghux ikunu ezaminati minn ebda Qorti skond l-artikolu 101A subartikolu (14) tal-Kostituzzjoni. Jinghad ukoll li s-smigh quddiem il-Kummissjoni ghandu jsir ***in camera*** u r-rapport ghandu jinqara biss fil-pubbliku meta s-smigh ma jkunx sar ***in camera*** (ara artikolu 7(1)) ta’ l-Att XI tal-1994, u dana kemm-il darba li l-persuna li tkun qed tigi investigata ma titlobx xorta ohra. L-imsemmi artikolu 7 jittratta dwar il-procedimenti kollha quddiem il-Kummissjoni, liema procedimenti jsiru ***in camera*** u li t-terminu ghas-smigh jinkludi l-procedura kollha quddiem il-Kummissjoni mill-mument minn meta jigi mressaq ilment mill-persuna interessata. L-Avukat Generali stess izid li “***Ai termini*** ta’ l-istess Att, anke r-rapport li jirrapprezenta t-tmiem ta’ l-investigazzjoni li tkun saret mill-Kummissjoni ghandu jinqara’ ***in camera***. Dan ma jistax hlief jigi miftiehem illi l-ligi trid tipprotegi l-identita` tal-persuna li tkun qedha tigi investigata billi tezigi l-proceduri quddiem il-Kummissjoni ma jsirux fil-berah, cioe` ma jkunux pubblici”. Aktar ’l isfel isostni li “tali proceduri huma ghal kollox kunfidenzjali, u ebda informazzjoni ta’ kwalunkwe natura ma tista’ tintalab jew tigi zvelata sussegwentement li jitressaq ilment quddiem il-Kummissjoni”.

Min-naha l-ohra r-rikorrenti sostniet li hi kienet baghtet diversi kopji lill-Kummissjoni ta’ korrispondenza mibghuta lir-Registratur tal-Qorti Ewropea u ghamlet komunikazzjoni mac-Chairman tal-Kummissjoni, il-President tar-Repubblika u li izda hi qatt ma giet mistiedna biex tkun prezenti waqt li kien ghaddej il-process tas-smiegh. Sostniet li kien ghalhekk wiehed mill-iskopijiet li hija talbet ix-xhieda ta’ l-ufficjali tal-Kummissjoni biex jghidu x’sar sa issa dwar ilment taghha li suppost kien qed jigi investigat u fejn hija qatt ma giet mistiedna tkun prezenti. Sostniet li l-intimat Avukat Generali ghandu vantagg ghax hu membru ta’ l-istess Kummissjoni u hu konxju ta’ dak kollu li jinghad fil-Kummissjoni u li kawza ta’ dan qed jigi mittiefes il-principju tal-***audi alteram partem*** bi ksur car tal-principju tal-***equality of arms***. Ir-rikorrenti sostniet li x-xhieda mharrka mhux membri tal-

Kummissjoni. Sostniet li Cortis ma jgawdi ebda priivilegg biex ma jixhedx.

Dawn id-diversi sottomissjonijiet naturalment jirrikjedu diversi kunsiderazzjonijiet. Jibda biex jinghad li minn zmien ir-rivoluzzjoni Franciza (ara **Montesquieu L'Esprit des Lois**, Kapitolu XI, p 3 – 6) kien car li f'kull demokrazija jrid jipprevali l-principju tas-***seperation of powers*** b'mod li ma jista' jsir ebda ndhil minn hadd, hu min hu, jew entita` li hi, fid-decizjonijiet tal-Qrati. Infatti huwa wiehed mill-principji fundamentali tal-ligi kostituzzjonali li l-istudenti jigu mghallma fil-bidu nett hija propju dan il-principju u tant tigi moghtija importanza li d-duttrina ta' Locke dwar is-separazzjoni tal-poteri jaghmel car id-distinzjoni bejn il-legizlatura, l-ezekuttiv u l-gudizzjarju u fil-kitba tieghu nsibu li kien essenzjali li l-interpretazzjoni tal-ligijiet u l-ezamijiet tal-kazijiet m'ghandu jindahal hadd fihom hlief il-Qrati. Kien propju ghalhekk li biex jigi evitat l-abbuz ta' poter li thaddnu dawn il-principji fundamentali b'mod li l-poteri ezekuttivi u legislattivi ma jkunux f'idejn l-istess persuni kif ukoll kien essenzjali li biex verament ikun hemm il-liberta` ta' l-individwu kien essenzjali li jkun hemm separazzjoni tal-poteri bejn l-ezekuttiv, legistattiv u gudizzjarju.

Kunsiderazzjoni ohra hija li l-Qorti ma tistax tifhem ghaliex biex tipprova tottjeni dak li talbet ir-rikorrenti hi riedet iddahhal lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja f'dawn l-affarijiet. Jinghad li skond dak sostnut mill-Avukat Generali smigh ta' kaz isir ***in camera*** u r-rapport ghandu jinqara' biss fil-pubbliku meta smigh ma jkunx sar ***in camera***. L-Avukat Generali sostna li kollox isir ***in camera*** mill-mument li jigi mressaq l-ilment u normalment ir-rapport jinqara' ***in camera***. L-Avukat Generali sostna li kollox hu kunfidenzjali. Apparti mill-fatt li din il-Qorti tinsab tassew perplessa kif l-Avukat Generali jsostni dan kollu meta fl-istess waqt hija konxja li l-Kummissjoni gieli harget anke ***press releases*** dwar kazijiet, kif jista' qatt il-Qorti tiehu in konsiderazzjoni proceduri quddiem il-Kummissjoni meta min-natura taghhom dawn il-proceduri ma jistghu qatt iservu bhala prova ta' xi ksur ta' drittijiet fundamentali. Il-Kummissjoni

mhix qorti. L-Aritkolu 39 tal-Kostituzzjoni jsemmi fis-subartikolu 3 tieghu li:
“(3) Hlief bil-ftehim tal-partijiet kollha, il-pro`eduri kollha ta’ kull qorti u l-proceduri dwar id-deci\joni ta’ l-ezistenza jew l-estensjoni tad-drittijiet jew obbligi `ivili ta’ persuna quddiem xi awtorita [udikanti o]ra, mag]dud il-pronunzjament tad-de`i\joni tal-qorti jew awtorita o]ra, g]andhom jin\ammu fil-pubbliku.”

F’dan l-istadju l-Qorti sejra tirreferi ghal sentenza ohra moghtija minnha kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Ernest A. Balzan debitament awtorizzat bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezetanza ta' ibnu t-Tabib Dottor Martin Balzan li huwa temporanjament assenti minn Malta u b’nota tas-7 ta’ Settembru, 2001 Dr Martin Balzan assuma l-atti tal-kawza vs Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Prim Ministru**, deciza fl-14 ta’ Gunju 2002. Fiha inghad:
“lli din il-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-Onorevoli Prim Ministru. L-ewwel eccezzjoni hi li ***l-inapplikabbilita' ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni*** u dan bazat fuq li l-imsemmija artikoli mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern stante li l-proceduri ta' ghazla ta' kandidati mhumiex proceduri gudizzjarji.

Ikun ahjar f’dan l-istadju li jigu kkwotati l-imsemmija artikoli.

*Kost - 39. (2) Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili ghandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proceduri ghal decizjoni bhal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità ohra gudikanti bhal dik, il-kaz ghandu jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli.*

*Konv - Kap 319 - L-Ewwel Skeda Artikolu 6*
*(1) Fid-decizzjoni tad-drittijiet Civili u ta’ l-obbligi tieghu jew ta’ xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali*

*mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'socjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew safejn ikun rigorozament mehtieg fil-fehma tal-qorti f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicità tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja.*

Minn ezami ta' dawn l-artikoli fl-isfond tal-kawza odjerna johorgu cari diversi fatturi:

A. Li fil-Kostituzzjoni l-artikolu 39 (2) jitkellem dwar "Kull qorti jew awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi ghad-decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi civili". Ta' min josserva li fl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni dwar it-Tifsir – ma hemmx definizzjoni la ta' **qorti** u lanqas ta' **awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi.** L-istess kelma u frasi jistabu fis-sub-artikoli (3) u (4) tal-istess artikolu. Izda l-kliem uzat mill-Kostituzzjoni huwa tant car u ma jhalli ebda dubbju ghal xiex qieghed jirreferi – u cioe' Qorti u certament mhux qieghed jirreferi ghal Public Service Commission jew ghall-Prim Ministru fil-mansjonijiet tieghu ghall-hatriet fic-civil. Fil-Qorti hemm kontestazzjoni [li ser sir riferenza aktar ampja ghaliha] kemm fil-kamp Kriminali kif ukoll fil-kamp Civili – u cioe' jekk ghandux ragun il-prosekutur li jakkuza jew l-imputat li jsostni l-innocenza tieghu taht l-akkuza fil-kamp kriminali; u hemm kontestazzjoni fil-kamp civili jekk hux l-parti jew l-ohra li ghandha ragun taht il-ligijiet u ippruvatux skond il-ligijiet tal-pajjiz. Dan certament mhux dak li taghmel il-PSC specjalment fir-rakkomandazzjonijiet taghha ghal hatriet. Il-PSC tirrakkomanda u m'ghandhiex id-decizjoni finali. Id-decizjoni taghha mhux titolu ezekuttiv jew sentenza ta' kundanna izda rakkomandazzjoni. U hija rakkomandazzjoni mhux biss ghax inzerta li kienet intuzat dik il-kelma u mhux ohra aktar deskrittiva u approprija, izda ghax verament dak hu li taghmel u dan kif definita fil-ligi. Il-PSC ma hijiex xi Tribunal.

B. Certament lanqas ghandu l-Prim Ministru [u certament anqas minnu xi Ministru] xi funzjoni vestita fil-Qrati jew Tribunal li jiddeciedi jew jinterpreta xi ligi. Il-funzjonijiet tieghu huma differenti u johorgu cari minn ligijiet izda huwa car li ma ghandux tali funzjoni. Kieku kellu l-funzjoni li mill-Kostituzzjoni hija vestita fil-Qrati kien ikun hemm ksur ta' wiehed mill-aktar principji fundamentali li fuqu hi bbazata l-Kostituzzjoni u cioe' dak tas-Seperation of Powers.

C. Mill-Kostituzzjoni stess tohrog car id-distinzjoni bejn **qorti** u **awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi** u dan specjalment wara li wiehed jezamina l-artikoli 39 (1) u (2) fejn wajda tirreferi ghal akkuza kriminali waqt li l-ohra tirreferi ghal drittijiet civili u obbligi. Fil-kaz ta' akkuza kriminali l-Kostituzzjoni tikkunsidra biss qorti, u meta titkellem fuq il-qrati ssemmi zewg tipi ta' qrati – s-superjuri u l-inferjuri u ghalhekk ghandhom gurisdizzjoni kriminali biss l-Qorti tal-Magistrati [kemm bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kemm ghall-iskop tal-Inkjesti] il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali. Kull awtorita' ohra ma hijiex kompetenti ghal offizi kriminali. Meta nhatru l-Kummissarji tal-Gustizzja, l-akkuzi gew depenalizzati, u dak li jigi ezaminat mill-Kummissarji mhumiex offizi kriminali izda infrazzjonijiet amministrattivi.

D. Interessanti kien ukoll dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza *"Il-Pulizija vs Emmanuel Vella"* [28/6/1983] fejn ma qablitx ma' dak li kienet qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-interpretazzjoni taghha tal-kelma **qorti** minhabba li kienet wisq wiesgha u inkludiet kull forma ta' Tribunal u awtorita' fejn hemm decizzjonijiet. Dak il-kaz kien jikkoncerna l-Price Control Board u kien hemm decizjoni li l-Bord ma kienx indipendenti u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni. Izda l-Qorti Kostituzzjonali hasset li billi l-Bord kien riferut bhala Qorti fl-Avviz Legali 8 tal-1982 wiehed dejjem ried ihares lejn l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk tribunal "de quo" mhux Qorti ghall-iskop tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Ghalhekk mhux kompetenti biex u ma ghandux gurisdizzjoni jiddeciedi offizi kriminali li kien akkuzat bihom Vella. Ara wkoll kaz simili ta' Coreschi vs Kummissarju tal-Pulizija et

[21/7/1989] fejn il-Qorti qiset li l-Kummissarju tal-Pulizija ma setax jigi kkunsidrat qorti u ghalhekk ir-Reolament 23 tal-Motor Vehicles Act 1948 kien jikser il-Kostituzzjoni. Ebda persuna ma tista’ tigi kkundannata b’penali kriminali sakemm mhux f’qorti ta’ natura kriminali li jkun presedut minn Magistrat jew Imhallef.

E. Dan l-artikolu japplika biss fejn hemm funzjoni gudizzjarja u la l-PSC u lanqas il-Prim Ministru ma ghandhom jew jista’ jkollhom tali funzjoni.

F. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta’ Gunju, 1988 fl-ismijiet *Rose Anne Galea vs Onor Prim Ministru et* [Vol LXXII-I-26] il-Qorti Kostituzzjonali qalet:
“Il-Bord ta’ dixxiplina m’ghandu f’dan l-istadju ebda funzjoni li jinvestiga l-allegazzjoni li kien hemm vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Ewwel Skeda tal-Att XIV tal-1987 da parti tal-Bord tal-Inkjesta, liema allegazzjoni tifforma l-meritu tal-kawza izda l-funzjoni tieghu hija li jezamina l-fatti tal-kaz u li a bazi ta’’dawn il-fatti jasal ghall-konkluzzjonijiet tieghu dwar dak li qed jigi migjub kontra r-rikorrenti”.

G. Fil-kawza deciza mill-Qorti Kostituzzjonali *Antonia Bartolo et nomine vs Onor Prim Ministru et* deciza fid-29 ta’ April, 1996 [spiss riferuta bhala l-kaz tal-Piper Lance li telaq mit-Tunezija ghal Malta] gie ritenut li dak il-Bord la kien qorti u lanqas ta’ awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b’ligi. Din kienet inkjesta amministrattiva.

H. Fil-kawza fl-ismijiet *Eddie Cachia vs Dr Joe Galea Debono et* [deciza fil-21 ta’ Mejju, 1993] il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji ma setghetx titqies bhala qorti ghall-iskop tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan wara li qalet li qorti trid tkun indipendenti u imparzjali u s-smiegh isir fil-pubbliku; u li l-persuna koncernata jrid ikollha l-opportunita’ li ggib l-provi kollha; irid ikollha l-poter li tiddetermina l-ezistenza u l-kobor ta’ dritt civili jew obbligu jew l-ezistenza ta’ reat. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet waslet ghall-konkluzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilita biex tiddecidi dwar

drittijiet civili u obbligi izda li tinvestiga ilmenti maghmulin minn rikorrent li jhoss li jkun baghta ingustizzja maghmula mill-Gvern. Ara wkoll fuq il-Kummissjoni *Antoine Tagliaferro et vs l-Onor Prim Ministru* [5/10/95 mill-PA] fejn gie ribadit l-istess principju li l-Kummissjoni ma kellix poter li taghti decizjoni finali vinkolanti u li kull ma kienet taghmel taghti parir. Fil-kummissjoni l-proceduri ma kinux isiru fil-pubbliku; m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet ma jidhrux f'sistema avversarja.

I. Fil-kaz in ezami l-funzjoni tal-PSC kien li tohrog l-applikazzjonijiet, tappunta Bord ta' Ghazla, tigi maghzula l-persuna, u ssir ir-rakkomandazzjoni. Il-Prim Ministru jekk jaqbel kellu jiehu hsieb li tohrog il-hatra. Il-funzjoni ta' Qorti jew awtorita' ohra gudikanti ghandha rwol ferm differenti b'mod li tapplika l-ligi tal-pajjiz wara li tezamina l-kontestazzjoni ta' bejn il-partijiet u taghti d-decizzjoni taghha [u mhux rakkomandazzjoni] finali [l-appell u konferma jew revoka ma ghandhomx jaffetwa s-sinifikat ta' dak li qieghed jinghad].

J. Naturalment irid ikun hemm kontestazzjoni li trid tigi ezaminata fid-dawl tal-ligi tal-pajjiz u l-Qorti jew awtorita ohra gudikanti trid taghti d-decizjoni taghha. Fil-kaz in ezami ma kienx hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet izda se mai konkors.

*Bl-istess mod ma jidhirx applikabbli ghal kaz in ezami l-artikolu 6 tal-Ewwel Skeda Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem - Kap 319. Dan jipprovdi li fid-decizjoni tad-drittijiet Civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Certament mhux qieghed jitkellem fuq rakkomandazzjonijiet tal-PSC jew hatriet mill-Prim Ministru.*

*a.* *F'*Belilos vs Switzerland *[29/4/88 Series A-132 para 64] insibu definizzjoni ta' tribunal:*
*"….a tribunal is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function, that is to say determining*

*matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner….It must also satisfy a series of further requirements – independence, in particular of the executive; impartiality; duration of its members' terms of office; guarantees afforded by its procedure – several of which appear in the text of Article 6 (1) itself."*

*b.* F'Campbell vs Fell *[ 28/6/84 Series A 80 p33 para 76] Tribunal ma jridx necessarjament jiftiehem "a court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country" [ara wkoll X vs UK 5/11/81 Series A no 46 p.23 para 53]. Hawn wiehed irid isemmi li tribunal irid ikun "an authority with power to decide legal disputes with binding effect for the parties" [ Sramek vs Austria 22/10/84 Series A no 84 p.17 para 36]. Ukoll f'*Benthem vs The Netherlands *[23/10/85 Series A no 97 ] jinghad li ghall-iskop tal-Konvenzjoni tribunal jfisser "bodies which exhibit common fundamental features, of which the most important are independence and impartiality, and the guarantees of judicial procedure".*

*c. Interessanti ferm hu dak li intqal f'*Van de Hurk vs the Netherlands *[19/4/94 Series A no 288 – A para 45: "The power to give a binding decision which may not be altered by a non-judicial authority to the detriment of an individual party is inherent in the very notion of a "tribunal", as is confirmed by the word "determination"….This power can also be seen as a component of the "independence" required by Article 6 (1)" u dan wara li l-Qorti kkunsidrat u rabtet flimkien in-nozzjoni ta' tribunal indipendenti man-nozzjoni ta' decizzjoni ta' dritt jew obbligu.*

*F'dan il-kaz gie ritenut li l-artikolu 6 gie miksur ghax il-Gvern kien awtorizzat bil-ligi biex ma jimplimentax decizzjoni tal-Qorti ghalkemm fil-fatt il-Gvern ma kiex ezercita dan id-dritt.*

*d. Wiehed irid joqghod ferm attent x'jinkludi bhala qorti u infatti f'*de Jong, Baljet u Van der Brink *[22/5/84 Series A-77, p.23, para 48] il-parir tal-"auditeur-militair", ghalkemm*

*dejjem segwit, bhala tali ma kienx jorbot u ghalhekk ma jistax jitqies bhala ordni gudizzjarju. Mhuwiex sufficjenti biex korp jitqies qorti li tista' taghmel rakkomandazzjonijiet jew pariri, jekk dawn fil-fatt ma jorbtux.*

*e. Il-proceduri ta' sotto-kumitat ta' Sptarr, li kien kecca impjegata, u tal-Kumitat tat-tmexxija tal-Isptarr li kkonferma d-decizzjoni tas-sottokumitat, ma kienx kunsidrat li jaqgha fl-ambitu tal-artikolu 6 (1) fl-* Applikazzjoni 5934/72 kontra r-Renju Unit *minhabba li ebda minn dawn il-kumitati ma kienu qorti u lanqas ma kienu qedghin jippruvaw jiddecidu gudizzjarjament d-drittijiet tal-applikant fis-sens ta' korp indipendenti u fuq il-partijiet koncernati b'mod li kien qieghed jiddecidi kontestazzjoni bejnithom.*

*f. Hu essenzjali li biex jigu invokati dawn l-artikoli irid ikun hemm "contestation" quddiem xi* ***qorti*** *jew* ***awtorità ohra gudikanti mwaqqfa b'ligi.*** *Dwar dan il-punt Van Dijk u Van Hoof – Theory and Practice of the European Convention on Human Rights Pg 296-297 -kitbu hekk:*
*"For article 6(1) to be applicable, there must be question of a "determination" of a right or obligation. From the fact that here the French speaks of "contestations" it may be inferred that the settlement of a dispute concerning a right or obligation must be at issue." Ara fl-istess sens Petit, Descaux et Imbert – La Convention Europeenne de Droit de l'Homme – 1995 – pg 249.*

*g. Fuq l-istess punt insibu D J Harris, M O Boyle, u C Warbrick fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Huma Rights fejn jghidu hekk:*
*"For article 6 to apply there must be a "dispute" at the national level between two private persons or between the applicant and the state the outcome of which is determinative of the applicants civil rights and obligations. The need for a dispute follows fom the word "contestation" in the French text of Article 6".*

*h. Huwa interessanti l-kaz ta' Van Marle and Others [Series A – 101, pagna 12, para 36] fejn insibu:*

*The complaints made by the applicants to the Board of Appeal concerned, in essence, what they regarded as an incorrect assessment of their competence by the Board of Admission. The board of Appeal re-examined the applicants, calling them to interviews at which they had the opportunity to comment on balance sheets they had drawn up…*
*An assessment of this kind, evaluating knowledge and experience for carrying on a profession under a particular title, is akin to a school or University examination and is so far removed from the exercise of the normal judicial function that the safeguards in Article 6 cannot be taken as covering resultant disagreements."*

*Ghalhekk ma kienx hemm "contestation" kif definit fl-Artikolu 6. Ir-rikorrent f'fol 74 tal-process jaghmel referenza ghad-dissenting judgement tal-Professur John Cremona li kien deherlu li l-Bord tal-Appell kien "judicial tribunal" u has li kien hemm "contestation". Ghab-bazi ta' dan ir-rikorrent jsostni li fil-kaz tieghu ghalhekk ukoll hemm il-"contestation". Il-Qorti tirrileva li dan kien dissenting judgement, ma' liema interpretazzjoni ma taqbilx.*

i. Fil-kaz "Neigel versus France" (17.03.97) paragrafu 43 il-Qorti Ewropea qalet hekk:
"The Court observes that in the law of many member States of the Council of Europe there is a basic distinction between civil servants and employees governed by private law. This has led it to hold that "disputes relating to the recruitment, careers and termination of service of civil servants are as a general rule outside the scope of Article 6(1)."

j. Interessanti ferm huwa l-punt sollevat mir-rikorrent f'wahda minn-noti tieghu u precizament dak a fol 124 fejn ir-rikorrent jissottometti li dak li l-intimat qeghedin jobjettaw li jekk hemm vjolazzjoni din se mai ma gietx kommessa minn qorti u jsostni li dan ma jissufraga lill-intimat propju xejn u ma jezimix mir-responsabbilta' moghtija mill-Kostituzzjoni [Consiglio C et vs Air Supplies and Catering Company Limited – Q Kostit 11/8/00] u mill-

Konvenzjoni Ewropea [ Ringeisen 16/7/71 Series A numru 13 segwit mill-Konig 28/6/78 Series A numru 27]. Isostni li d-drittijiet fundamentali minhabba n-natura fundamentali taghhom ikunu mharsa minn kull vjolazzjoni, gejja mnejn gejja u irrefera wkoll ghall kaz ta’ Falzon vs Prim Ministru et [PA 30/4/01]. Dan hu argument li din il-Qorti kif presjeduta tapprezza hafna, biss li thoss li, ghalkemm ghandu u zgur li eventwalment sejjer jidhol fis-sistema legali ta’ pajjiz li jiftahar tant bid-drittijiet fundamentali, s’issa sfortunatament ghadu mhux stabbilit. Ikun hemm il-htiega tal-kuragg tal-politici taghna li f’sens ta’ dover lejn il-pajjiz jiehdu tali pass, jew li jkun hemm quddiem din il-Qorti kawza diretta ment fuq dan il-punt li tobbliga u taghti l-opportunita’ lill-Qorti li tasal possibilment ghal dan. Izda kif intavolata l-kawza odjerna dan mhux permissibli.”

Minn dan kollu johrog car li kull prova li trid taghmel ir-rikorrenti ghall-iskop tat-talbiet taghha kif fuq imsemmija m’hi sejra tottjeni xejn billi tressaq il-provi dwar dak li seta’ sar fil-Kummissjoni. Dak li sar quddiem il-Kummissjoni certament mhux ser iwassal ghal nullita` ***o meno*** ta’ l-artikolu 1524 u anqas biex jigi deciz jekk id-dewmien imsemmi kemm quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fejn qed jigi allegat li l-appell ilu ghal decizjoni ghal 47 seduta kienx wiehed gustifikat jew le. Anqas m’hu ser iwassal biex jistabbilixxi jekk kienx hemm telfien ta’ drittijiet li r-rikorrenti kienet intitolata ghalihom u li din il-Qorti tipprovdi rimedju adegwat.

Decizjoni ta’ din il-Qorti dwar il-prezenza ta’ l-Avukat Generali fl-istess Kummissjoni, il-principji ta’ l-***audi alteram partem*** u ***equality of arms***, ghalkemm certament ta’ natura interessanti, mhux necessarji li jigu ezaminati ulterjorment stante dak li nghad fuq.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad it-talba tar-rikorrenti biex tinghata aktar informazzjoni dwar il-proceduri quddiem il-Kummissjoni fil-kaz in ezami.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Il-kawza differita ghall-kontinwazzjoni ghas-26 ta' Frar 2008 fil-10.45 a.m.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------